MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT GIANNINO CARUANA DEMAJO

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 539/2008

***Bank of Valletta p.l.c.***

***Vs***

**Joanne Sciberras**

Il-Qorti,

Rat rikors maħluf tas-soċjetà attriċi fejn ippremettiet:

Illi s-soċjetà attriċi permezz tat-termini u kundizzjonijiet imsemmija fil-*Credit Card Application Form* ikkonċediet faċilitajiet bankarji lil Joanne Sciberras;

Illi s-soċjetà attriċi tinsab kreditriċi ta’ Joanne Sciberras fis-somma ta’ tlettax-il elf, ħames mija u sitta u sittin euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€ 13,566.76) ekwivalenti għal ħamest elef, tmien mija u erbgħa u għoxrin lira Maltin u wieħed u għoxrin ċenteżmu (Lm 5,824.21) bilanċ għad-debitu fil-*Credit Card Loan Account* ta’ Joanne Sciberras mal-*Bank of Valletta p.l.c.* flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mill-15 ta’ Mejju 2008 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Illi seħħew waħda jew aktar mill-ġrajjiet imsemmija fil-*Credit Card Application Form* fuq imsemmija partikolarment imma mhux esklużivament, billi Joanne Sciberras: (a) naqset milli tħallas il-pagamenti dovuti lis-soċjetà attriċi kif stipulat fl-imsemmija *Credit Card Application Form*; (b) kienet inadempjenti f'obbligi oħra minnha assunti fl-istess *Credit Card Application Form* sopraindikata; u/jew (ċ) hemm bidliet materjali fiċ-ċirkostanzi ta' l-istess Joanne Sciberras li jipperikolaw jew jaffettwaw ħażin il-possibilità tal-ħlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-soċjetà attriċi;
Illi l-konvenuta ġiet interpellata permezz ta' ittra uffiċjali tas-27 ta' Marzu 2008 sabiex jitħallas d-dejn fuq imsemmi, iżda din baqgħet inadempjenti u għal din ir-raġuni kellha ssir din il-kawża.
Is-soċjetà attriċi għalhekk talbet illi l-qorti tikkundanna lil Joanne Sciberras tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlettax-il elf, ħames mija u sitta u sittin euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€ 13,566.76) ekwivalenti għal ħamest elef, tmien mija u erbgħin u għoxrin lira Maltin u wieħed u għoxrin ċenteżmu (Lm 5,824.21) bilanċ għad-debitu fil-*Credit Card Loan Account* ta' Joanne Sciberras mal-*Bank of Valletta p.l.c.* flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-15 ta' Mejju 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament;
Qiegħda titlob ukoll l-ispejjeż, fosthom dawk ta' l-ittra uffiċjali tas-27 ta' Marzu 2008 u tal-Mandat ta' sekwestru kontra l-konvenuta.
Rat in-nota tat-22 ta' Lulju 2008 li biha l-konvenuta ammettiet it-talbiet magħmula fir-rikors promotur.
Għalhekk il-qorti taqta' l-kawża billi tilqa' t-talbiet tas-soċjetà attriċi u tikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' tlettax-il elf, ħames mija u sitta u sittin euro u sitta u sebgħin ċenteżmu (€ 13,566.76) bilanċ għad-debitu fil-*Credit Card Loan Account* ta' Joanne Sciberras mal-*Bank of Valletta p.l.c.* flimkien ma' l-imgħax ulterjuri mill-15 ta' Mejju 2008 sa meta jsir l-ħlas.
Tikkundanna ukoll lill-konvenuta tħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża u dawk mitluba fir-rikors maħluf.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------